# Anniversarji u Ċentinarji Qormin għas-Sena 2002



kitba ta' Guido Lanfranco

### 1502 (500 sena ilu)

Miet it-tieni kappillan ta' Ħal Qormi Giulio Lombardo. L-ewwel knisja kellha kappillan lil Marco de Torrente, li ma nafux sewwa d-dati meta laħaq u meta miet, imma warajh il-parroċċa għaddiet f'idejn Giulio Lombardo madwar l-1440.[1] Fl-1456, bis-saħħa ta' Lombardo, inbniet it-tieni knisja parrokkjali fuq l-istess sit ta' qabilha li għandu mnejn tkabbret minflok tneħħiet għal kollox. Biex titfakkar din l-okkażjoni, meta telgħu l-ewwel ħajt, waħħlu miegħu rħama kommemorattiva, bl-istil ta' kitba ta' l-aħħar snin tal-Medju Evu, bid-data ta' l-10 ta' Settembru 1584. Ta' min jibqa' rikonoxxenti lejn min kellu s-sens komun f'dak iż-żmien, li ma jeqridx din l-irħama meta l-knisja parrokkjali reġgħet inbniet għat-tielet darba fl-1584, biex issa din l-irħama għadha tidher qrib il-battisteru, jew fonti tal-magħmudija. Fl-1480 Lombardo sar kanonku, u miet fl-1502.

### 1652 (350 sena ilu)

Kongregazzjoni tas-Suffraġi fl-altar tal-Madonna tal-Ħniena, tista' tgħid dejjem assoċjata mal-passjoni u d-Duluri.[2]

Fis-sekli sbatax sad-dsatax kien hemm għadd ġmielu ta' għaqdiet jew kongregazzjonijiet biex jitolbu għall-erwieħ, u tista' tgħid li kollha kellhom sehem minn altari tad-Duluri u tal-Kurċifiss, imma taħt it-titlu Tal-Ħniena, il-Madonna tad-Duluri jkollha ċelebrazzjonijiet u devozzjonijiet għas-suffraġju ta' l-erwieħ. It-twaqqif ta' din il-kongregazzjoni jaħbat fil-bidu ta' din id-devozzjoni f'Malta, li dehret dokumentata l-ewwel fl-1621 fiż-Żejtun fejn spiċċat wara ftit, imma fil-Qrendi, il-knisja tal-Grazzji li kellha d-devozzjoni Tal-Ħniena, twaqqgħet madwar l-1650 u reġgħet inbniet bħala Tal-Ħniena. Sadanittant kien hemm diversi knejjes, fosthom il-parrokkjali ta' Ħal Qormi li żammew dan il-kumpless devozzjonali tad-Duluri u Tal-Ħniena.

### 1752 (125 sena ilu)

Twieled f'Ħal Qormi Dun Ġużepp Micallef (Ta' Fantin). Jidher li kien bniedem ħabrieki, għax minbarra qassis kien ukoll tabib u poeta, u kien ħa sehem attiv fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi f'Malta, u fil-pesta ta' l-1813-1814. Miet fl-1821.[3] Jissemma Ġużepp Micallef ieħor, Franġiskan bħala *chaplain* tal-battaljun ta' Birkirkara fl-istess żminijiet.[4] Meta kien qed jiġi rrestawrat il-Kurċifiss tal-Vara l-Kbira ta' Ħal Qormi, kienu sabu ġo fih karti b'kitba li tixbaħ dik ta' Dun Ġużepp Micallef. L-istatwarju juża kull materjal li jsib biex jibni l-istatwa fuq is-sistema ta' l-hekk imsejħa kartapesta, u dawn il-karti għandhom mnejn jagħtu xi ħjiel dwar meta sar dan il-Kurċifiss.

### 1802 (200 sena ilu)

Il-Perit Andrea Psaila għamel bħala donazzjoni lill-parroċċa ta' Ħal Qormi l-korp sant ta' San Massimo martri, li tqiegħed fil-knisja ta' San Pietru. Psaila kien rettur ta' fratellanza tas-Sagrament jew tal-Vjatku. Il-fdalijiet ta' San Massimu nġabru mill-katakombi ta' Santa Ciriaca fil-25 ta' Settembru 1785. Il-qafas tal-korp sant, jew l-istatwa vojta li fiha tqiegħdu l-għadam, tħallas mill-istess benefattur. It-translazzjoni mill-knisja ta' San Pietru lejn il-knisja parrokkjali saret fil-21 ta' April 1805 u għal din l-okkażjoni l-korp tqiegħed fuq l-altar maġġur. Wara tqiegħed ġo urna ma' l-altar tal-Kandlora.[5] Bħala relikwi, dawn l-għadam huma klassifikati tal-prima klassi. Hawn ta' min jgħid xi

ħaġa żgħira dwar ir-relikwi biex nispjegaw din. Meta nistudjaw jew niktbu dwar relikwi inġenerali, nikklassifikawhom fi tlieta. Korpi santi u għadam ikunu prima klassi, jiġifieri l-aktar importanti. Tat-tieni klassi huma dawk l-oġġetti li kienu tal-qaddis, bħalma huma biċċiet ta' lbies u oġġetti personali, u terza klassi huma dawk ir-relikwi, jew aħjar psewdo-relikwi li ma jkollhom x'jaqsmu xejn direttament mal-qaddis, imma jkunu biss messewhom mal-qaddis jew meħudin mill-inħawi fejn għexu jew mietu l-qaddisin konċernati. Dawn tat-tielet klassi huma magħrufin bħala *brandea*, kelma li ma tantx nisimgħuha ħlief fl-studju tar-relikwi. Eżempji ta' dawn huma ilma ta' Lourdes, balzmu ta' San Nikola di Bari, ħamrija, weraq, żrar mill-Art Imqaddsa, ċrieket, kuruni, labtijiet u bosta oġġetti oħrajn li ntmessu ma' relikwi oħrajn ikkunsidrati tal-prima jew tas-sekonda klassi. Kien hemm direttivi minn xi papiet biex ir-relikwi ma jitqiegħdux fuq l-altari jew joħorġu minn Ruma, u li jridu jkunu awtentikati (għalkemm din mhix ħaġa li wieħed jorbot fuqha), imma l-aktar fis-sekli sbatax, tmintax u dsatax, kien hemm taħwid u kummerċ sħiħ bir-relikwi. Dik il-fażi issa spiċċat, imma r-relikwi jibqgħu ta' interess u jservu bħala mezz ta' riflessjoni u devozzjoni. Fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ hemm relikwi oħrajn, fosthom il-korp sant ta' Santa Konsolata verġni u martri, għadma ċervikali ta' San Ġorġ, u l-kanonku Salvu Souchet kien ġab minn Ruma, dik li ġiet deskritta bħala biċċa mill-bandiera ta' San Ġorġ ta' meta kien uffiċjal...

## 1902 (100 sena ilu)

Miet Ġorġ Cachia (il-Botna) minn Ħal Qormi, li kien jaħdem skultura dekorattiva għall-knejjes. Twieled fl-1827.[6]

F'din l-istess sena fl-24 ta' Marzu 1902, twieled f'Ħal Qormi Ġorġ Fenech. Dan sar bniedem magħruf u għamel unur lil raħlu. Sar *chief engineer* fid-Dockyard u ħadem ukoll fis-servizz ċivili. Meta rtira fl-1962 iddeċieda li jsir reliġjuż, u ordna qassis fis-26 ta' Marzu 1966. Kien midħla sew ta' l-astronomija, u magħruf l-aktar għall-arloġġi tax-xemx li rrestawra u li għamel hu. F'Ħal Qormi għamel l-arloġġ tax-xemx ta' San Sebastjan. Għamel ukoll oħrajn f'Tas-Samra, Għargħur, Mellieħa u oħrajn. Irrestawra dak tal-każin Malti tal-Belt, u l-aħħar li għamel kien dak tas-seminarju tar-Rabat. Miet fl-14 ta' Frar 1989.[7]

## 1927 (75 sena ilu)

Miet Patri Ġakbu Cassar kapuċċin. Twieled fl-1849. Magħruf l-aktar bħala l-ewwel *chaplain* ma' l-emigranti Maltin.[8]

Fl-4 ta' Awissu 1927 miet il-missier tal-letteratura Maltija, Ġużè Muscat Azzopardi. Twieled f'Ħal Qormi fl-1 ta' Settembru 1853. Kien prokuratur legali, imma magħruf l-aktar bħala poeta u rumanzier.[9]

Bejn din is-sena u l-1931 Karmenu Mallia (il-Lhudi), minn Ħal Qormi, ħadem l-istatwi tal-kartapesta tal-Madonna tal-Karmnu u ta' San Ġużepp, għall-kripta ta' San Sebastjan.

## 1952 (50 sena ilu)

Tbierket il-kripta tal-parroċċa ta' San Sebastjan mill-Arċisqof Mikiel Gonzi, fl-20 ta' Lulju 1952.[10]

## 1977 (25 sena ilu)

Fid-19 ta' Marzu 1977 inkixfu żewġ irħamiet kommemorattivi mill-President ta' Malta Anton Buttigieg, mal-faċċata tad-dar numru 41, Triq il-Kbira, f'Ħal Qormi, biex ifakkru lil Ġużè Muscat Azzopardi (1853-1927) u lil Anton Muscat Fenech (1854-1910) żewġ kittieba tal-Malti li fi żminijiet differenti kienu jgħixu fiha;[11] għex fiha wkoll il-Kanonku Ġwakkin Schembri, li ħallas għall-ispejjeż tal-lapidi msemmija.

**REFERENZI:**

1 FERRES, ACHILLE *Descrizione Storica delle Chiese*. (1866) p.360.
2 CARDONA, ĠUŻÈ F'GRIMA, J.F. (Ed.) *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi* (1984) p.36.
3 GRIMA, J.F. *op. cit.* p.101; SCHEMBRI, ĠWAKKIN F'GRIMA, J.F. (Ed.) *op. cit.* p.127; BONNICI, BRIAN *Il-Ġimgħa l-Kbira f'Malta* (1998) p.97.
4 TESTA, CARMELO *The French in Malta...* (1997) p.534.
5 GRIMA, J.F. *op. cit.* p.106; SCHEMBRI, ĠWAKKIN *op. cit.* p.122; FERRES, ACHILLE *op. cit.* p.358.
6 SCHEMBRI, ĠWAKKIN *op. cit.* p.129.
7 SCHIAVONE, MICHAEL & SCERRI, LOUIS (Ed.) *Maltese Biographies of the Twentieth Century* (1997) p.261; VELLA, ĠORĠ fil-*Pronostku Malti* (1986) p.100; LANFRANCO, GUIDO fit-*Treasures of Malta* IV 3 (1998) p.73; MICALLEF, PAUL *Maltese Sundials* (1994) p.13; GRIMA, J.F. fi SCHIAVONE MICHAEL (Ed.) *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom* II (1993) p.241.
8 SCHEMBRI, ĠWAKKIN *op. cit.* p.129
9 SCHIAVONE, MICHAEL & SCERRI, LOUIS *op. cit.* p.432; SCHEMBRI, ĠWAKKIN *op. cit.* p.129.
10 GRIMA, J.F. fi SCHIAVONE (Ed.) *op. cit.*: *Knejjes* p.240, 243.
11 CASSAR PULLICINO, ĠUŻÈ *Ġużè Muscat Azzopardi* (1991) p.xiv.